

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 12 ta' Marzu 2019 — Perry Ellis International Group vs EUIPO (PRO PLAYER)(Kawża T-220/16) ⁽¹⁾

(Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali PRO PLAYER — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001))

(2019/C 155/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Perry Ellis International Group Holdings Ltd (Nassaw, il-Bahamas) (rappreżentanti: O. Günzel u C. Tenkhoff, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Rampini u K. Markakis, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Frar 2016 (Każ R 1091/2015-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali PRO PLAYER bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Perry Ellis International Group Holdings Ltd għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

⁽¹⁾ ĠU C 232, 27.6.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2019 — Inpost Paczkomaty u Inpost vs Il-Kummissjoni(Kawżi Magħquda T-282/16 u T-283/16) ⁽¹⁾

(“Għajjuna mill-Istat — Setturi postali — Kumpens għall-ispejjeż netti li jirriżultaw mill-obbligi ta' servizz universali — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjuna kompatibbli mas-suq intern — Rikors għal annullament — Interess ġuridiku — Obbligu ta' motivazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità — Dritt għall-proprjetà — Libertà ta' intrapriża”)

(2019/C 155/44)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti fil-Kawża T-282/16: Inpost Paczkomaty sp. z o.o. (Kraków, il-Polonja) (rappreżentanti: inizzjalment T. Proć, sussegwentement D. Doktor, avukati)

Rikorrenti fil-kawża T-283/16: Inpost S.A. (Kraków, il-Polonja) (rappreżentant: W. Knopkiewicz, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herrmann, K. Blanc u D. Recchia, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, aġent)

Suġġett

Talbiet ibbażati fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiżi għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8236 finali, tas-26 ta' Novembru 2015, li permezz tagħha hija ma qajmitx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-miżura nnotifikata mill-awtoritajiet Pollakki dwar l-għajnuna mogħtija lil Poczta Polska fil-forma ta' kumpens għall-ispejjeż netti li jirriżultaw mit-twettiq, minn din il-kumpannija, tal-obbligi tagħha ta' servizz postali universali għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Diċembru 2015

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*
- 2) *Inpost Paczkomaty sp. z o.o. u Inpost S.A. għandhom ibatu kull waħda minnhom l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*
- 3) *Ir-Repubblika tal-Polonja għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

(¹) ĠU C 270, 25.7.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2019 — Foshan Lihua Ceramic vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-310/16) (¹)

(Dumping — Importazzjonijiet ta' madum taċ-ċeramika li joriġina miċ-Ċina — Artikolu 11(4) u (5) u Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 [li saru Artikolu 11(4) u (5), u Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2016/1036] — Rifjut li jingħata l-istatus ta' produttur-esportatur ġdid fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 917/2011 — Teħid ta' kampjuni — Eżaminazzjoni individwali — Kunfidenzjalità)

(2019/C 155/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Foshan Lihua Ceramic Co. Ltd (Foshan, iċ-Ċina) (rappreżentanti: B. Spinoit, D. Philippe u A. Wese, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn A. Demeneix, M. França u T. Maxian Rusche, sussegwentement minn A. Demeneix, T. Maxian Rusche u N. Kuplewatzky, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Cerame-Unie AISBL (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: V. Akritidis, avukat)